**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 583/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-Vs-**

**BROOKS (BROOKS ESPEDITO) LIA**

**Illum, 17 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **BROOKS (BROOKS ESPEDITO) LIA,** ta' 48 sena, bin bin Vincent Lia u Angiolina Lia nee' Meilak mwieled il-Pieta' nhar id-09 ta' April 1973 Spiteri Crt Blk C Flt 4 Triq il-Pont Ruman, San Pawl il-Baħar detentur tal-karta tal-Identita 0168073M, akkużat talli;

1. Nhar il-29 ta’ Awwissu 2021 bejn l-għaxra u nofs ta’ filgħaxija (22:30) u il-ħdax ta’ filgħaxija (23:00) volontarjament ta nar lill-bieb tal-ħanut bl-isem ‘Romamo Cassar Florist’ li jinsab ġewwa Triq il-Ħammieri, Ħal-Qormi għad-detriment ta’ Ivan Cassar minn Ħal-Qormi u/jew ta’ persuni oħra, filwaqt li l-ħruq setgħa qabad bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f’dak il-waqt kien hemm ġewwa xi persuni.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli ċioe għamel ħsara volontarja fuq bieb tal-ħanut msemmi liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2500) iżda jiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-detriment ta’ Ivan Cassar u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta’ parti mill-ispejjeż li kellhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri, inkluż dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbali tal-inkjesta, hekk kif maħsub f’artikolu 533 *et sequitor* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f’każ ta’ ħtija xtqis lill-imputati Brooks (Brooks Espedito) Lia bħala li hu reċidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien misjub ħati ta’ diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għas-sigurta ta’ Ivan Cassar minn Ħal-Qormi u tal-familjari tiegħu.

Semgħet lill-imputat iwieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-16 ta' Jannar 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 317(a)(i) tal-Kaptolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kaptolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kaptolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 382, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kaptolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 532A, 532B u 533 tal-Kaptolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2023 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lid-difiża tiddikjara li m'għandhiex provi xi tressaq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli li volontarjament ta n-nar lill-bieb tal-fond ossia ħanut, bl-isem Romano Cassar ġewwa 24, Triq il-Ħammieri, Ħal Qormi fil-lejl tad-29 ta' Awwissu 2021 u li kkaġuna ħsara volontarja.

Mill-provi jirriżulta illi dan l-istabbiliment jappartjeni lil Ivan Cassar li jirrisjedi fil-fond direttament sovrastanti l-ħanut, fl-indirizz 22, Triq il-Ħammieri, Ħal Qormi, liema fond huwa attigwu għall-ħanut għalkemm għandu entratura differenti. Ivan Cassar kien qiegħed id-dar flimkien mal-mara tiegħu u ż-żewġ uliedu fil-ħin tal-ħruq u kienu kollha reqdin. Jirriżulta wkoll li b'riżultat tan-nar li tqabbad mal-bieb tal-istabbiliment, dan l-istess bieb ġarrab ħsara u ġiet riskontrata ħsara ta' ħruq ukoll mal-faċċata kif ukoll ġewwa l-ħanut, iżda n-nar ma kienx laħaq infirex għas-sular ta' fuq il-ħanut jew f'xi proprjetajiet adjaċenti u dan minħabba l-intervent fil-pront ta' xi ġirien li tfew in-nirien[1]. Ivan Cassar xehed illi saru t-tiswijiet kollha tal-ħsarat tal-ħruq u ħallas spejjeż ammontanti għal ftit inqas minn tliet elef Euro (€,3,000) għal dawn it-tiswijiet.

Mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, jirriżulta illi quddiem il-bieb tal-istabbiliment instabu fdalijiet ta' *jerrycan* imdewba u kien hemm ukoll riħa ta' fjuwil fuq il-post. Fil-fatt, l-espert David Borg Saydon maħtur fl-Inkjesta dwar l-in genere, ikkonkluda illi minħabba ċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ l-inċident, il-ħruq sar dolożament bl-intenzjoni li ssir il-ħsara u jbeżża'[2].

Meta l-Pulizija eżaminaw il-filmati li nġabru mill-espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali dwar l-in genere, Keith Cutajar, minn diversi CCTV cameras fl-inħawi, innotaw vettura tal-għamla Suzuki Alto li waqfet ftit 'l isfel mill-istabbiliment u minnha ħarġu żewġ persuni li telgħu 'l fuq, fejn wieħed minnhom kellu *jerrycan* f'idu kif ukoll umbrella u poġġa l-*jerrycan* eżatt quddiem il-bieb tal-ħanut ta' Romano Cassar filwaqt li l-ieħor, ta' statura rqajjaq li kien qed jistenna fil-viċin, ta n-nar lil dan il-j*errycan*. Minn cameras oħrajn li nġabru minn ġewwa Triq San Ġorġ, Ħal Qormi,

[1] Ara relazzjoni maħlufa ta' David Borg Saydon, Dok. DBS, paġa 8 *et sequitur* tal-*proces-verbal* Dok. PV
[2] *Ibid*.

il-Pulizija rnexxielhom jagħrfu n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura Suzuki Alto ta' lewn blu, bħala KBH-056, liema vettura jirriżulta li kienet liċenzata[3].

Skont Albert Debattista, li sussegwentement xehed quddiem il-Qorti[4], bejn l-25 ta' Awwissu 2021 u l-1 ta' Settembru 2021, il-vettura tiegħu kienet tinsab għand il-mekkanik, Christopher Borg, fatt li ġie affermat mill-istess Christopher Borg anke meta xehed quddiem il-Qorti[5], fejn iddikjara illi l-vettura ta' Albert Debattista kien għandu għat-tiswija u kien silef din il-vettura lill-imputat odjern, Brooks Lia biex imur jagħmel xi qadi biha. Ikkonferma wkoll illi l-vettura kienet għamlet lejl għand Brooks Lia u mbagħad kien ġabhielu lura l-għada fil-għodu.

B'hekk il-Pulizija rnexxielhom jistabbilixxu l-involviment tal-imputat f'dan il-ħruq.

L-imputat, waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fid-9 ta' Settembru 2021, irrilaxxa stqarrija[6] fejn ammetta l-involviment tiegħu fil-ħruq tal-bieb tal-ħanut bl-isem 'Romano Cassar', billi spjega illi huwa kien ġie mitlub minn ċertu Damiano Alfio Ranisi Torrisi biex iwasslu sa Ħal Qormi fil-ħdax għaliex inqalagħtlu problema. Stqarr li kien bil-karozza li kien silef mingħand il-mekkanik ħabib tiegħu, u Damiano qallu biex jieqaf ġo service station fl-akkwati ta' Ħaż Żebbuġ fejn mela *jerrycan* bil-fuel għaliex, skont ma qallu dak il-ħin, ħabib tiegħu kien waqaf bil-karozza mingħajr petrol. Damiano sab *jerrycan* u melieh bil-fuel. Minn hemmhekk Damiano qallu minn fejn kellu jgħaddi u qallu wkoll fejn kellu jwaqqaf il-karozza. Hu ressaq il-karozza ftit lura biex jipparkjaha sew għaliex kien waqaf quddiem garaxx u kif niżlu mill-karozza u staqsih fejn qiegħed sieħbu, Damiano Torrisi qallu li ħabib tiegħu kellu jieħu xi flus mingħand wieħed tal-fjuri u talbu biex jqabbadlu l-ħanut biex jagħtih twissija. Qallu li kien ser jitfa' l-petrol u jtih in-nar. Kif sema' dan, l-imputat baqa' tiela' 'l fuq fit-triq għaliex inħasad b'dak li Damiano kien qallu li ser jagħmel, iżda beża' minnu u ddeċieda li jagħmel kif jgħidlu. Damiano qallu li kien ser jitfa' l-petrol

---

[3] Ara xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri, 16 ta' Marzu 2022.
[4] Xhieda tat-8 ta' Frar 2022.
[5] Xhieda tal-4 ta' Mejju 2022.
[6] Traskrizzjoni Dok. KV1, ta' stqarrija awdjo-viżwali Dok. C, paġna 24 tal-atti tal-kawża.

fuq il-bieb tal-ħanut u tah struzzjonijiet biex jixgħel il-petrol billi jitfa' sulfarina. Hu hekk għamel, xegħel il-lighter, filwaqt li Damiano Torrisi kien qed jgħatti lilu nnifsu b'umbrella fuq rasu, u telgħet ħuġġieġa. Hemmhekk huma ħarbu minn fuq il-post bil-karozza. Sostna li hu ma kien tħallas xejn u ma ħa ebda kumpens għal dak li kien ġie mqabbad jagħmel. Waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija l-imputat kien għadda wkoll minn jeddu lill-Pulizija l-ħwejjeġ kif ukoll iż-żarbun li kien liebes meta ta n-nar lill-post in diżamina[7].

Din l-istess verżjoni, in sostanza, xehdha l-imputat bil-ġurament quddiem il-Qorti fid-29 ta' Marzu 2023, fejn reġa' afferma illi kien Damiano Alfio Raniro Torrisi li kien qabbdu jagħti n-nar lill-petrol li kien tefa' quddiem ħanut u dan wara li kien talbu biex iwasslu bil-karozza fuq il-post fejn taw in-nar, mingħajr ma kien qallu l-verita' dwar ir-raġuni għaliex ried imur f'dak il-post. L-imputat reġa' insista illi Torrisi qallu x'kien bi ħsiebu jagħmel, ċioe' li riedu jgħinu jqabbad il-post in kwistjoni, biss meta kienu diġa' waslu fuq il-post.

Ikkunsidrat;

Illi l-konfessjoni tal-imputat li kien hu li xegħel in-nar li qabbdet il-bieb tal-ħanut bl-isem Romano Cassar, liema konfessjoni saret fl-istqarrija tiegħu volontarjament wara li ngħata d-drittijiet legali kollha tiegħu u wara li kkonsulta wkoll mal-avukat tal-għażla tiegħu, u ġiet riaffermata b'mod sħiħ u mingħajr tlaqliq ukoll fix-xhieda ġuramentata tiegħu quddiem il-Qorti, ma tħalli ebda dubju raġjonevoli dwar il-ħtija tiegħu għar-reat ta' ħruq b'perikolu komuni, kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni. Ħtija li f'kull każ, hi ulterjorment affermata mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, fosthom *localisation* tal-mobile tal-imputat[8] u l-filmati minn CCTV cameras[9]. Dawn

---

[7] Ara xhieda PS90 Jeffrey Gerada, kif ukoll ritratt u riċevuta, Dok. JG u Dok. JG2.

[8] Ara paġna 6 tar-relazzjoni ta' Keith Cutajar, informazzjoni provduta bil-ġurament ta' Dr. Anthony Bonnici għan-nom ta' Go plc, kif awtorizzat mill-Maġistrat Inkwirenti (digriet tal-14 ta' Settembru 2021, paġna 34 tal-*proces-verbal*), li juri illi fil-ħin tal-inċident, fl-22:45h, l-imputat irċieva telefonata meta huwa kien lokalizzat ġewwa Ħal Qormi stess (Triq id-Dragun). L-imputat ammetta fl-istqarrija tiegħu li n-numru tal-mobile tiegħu huwa 79509760.

[9] Dawn juru manuvri li jikkombaċċjaw pjenament ma' dawk li ġew deskritti mill-imputat fl-istqarrija tiegħu: ara filmati u stills formanti parti minn Dok. KC1, relazzjoni ta' Keith Cutajar

il-provi fl-assjem tagħhom jikkorroboraw il-verżjoni tal-imputat li huwa waqaf bil-vettura li kien silef mingħand Christopher Borg, f'pompa tal-petrol f'Ħaż Żebbuġ fejn il-persuna li kienet miegħu mela *jerrycan* bil-petrol u qallu biex iwasslu fi triq ġewwa Ħal Qormi fejn hemmhekk il-persuna l-oħra xerred il-petrol mal-bieb ta' ħanut u fetaħ umbrella, filwaqt li huwa xegħel *lighter* biex qabbad il-bieb.

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-Artikolu 317(a)(i) tal-Kap. 9, ċioe' r-reat li jiġi kommess minn:-

"Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna..."

li l-ħruq ta' bini b'materjal li jaqbad liema bini kien b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna.

Kif stabbilit mill-provi proċesswali, l-imputat ta n-nar lill-fuel li ġie mitfugħ mal-bieb tal-ħanut Romano Cassar u dan il-bieb effettivament inħaraq u ġarrab ħsara ta' ħruq skont kif jirriżulta mir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PC 1285 Graham Cassar Bonaci li nħatar bħala espert tax-xena tad-delitt fl-Inkjesta Maġisterjali[10]. In-nirien mhux biss ikkaġunaw ħsara fil-bieb tal-ħanut iżda ppenetraw l-istess bieb u kkaġunaw ħsara fl-intern tal-istabbiliment, kif jidher ukoll mir-ritratt bir-referenza FS211063 – 21 BOW 104[11] iżda hu stabbilit li ma kien hemm ebda persuna ġewwa l-ħanut innifsu meta dan inħaraq.

Jirriżulta wkoll illi dan il-ħanut jinsab direttament sottostanti għar-residenza ta' Ivan Cassar[12] li dak il-ħin kien rieqed mal-familja tiegħu fl-istess residenza: b'dan, il-Qorti fehmet illi l-ħanut in kwistjoni qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lir-residenza ta'

[10] Dok. GCB.
[11] Paġna 320 tal-atti tal-kawża.
[12] Ara ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PC 1285 Graham Cassar Bonaci, Dok. GCB.

Cassar u għalhekk huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 317 u mhux l-Artikolu 316 tal-Kap 9. Madanakollu, għalkemm in-nar li kebbes l-imputat qabbad il-ħanut, ma jirriżultax mill-provi, anzi huwa eskluż, illi l-ħruq effettivament qabbad band'oħra, senjatament il-bini l-ieħor konsistenti fir-residenza ta' Cassar. Għalhekk ma jsibux riskontru f'dan il-każ id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 317 tal-Kap. 9 iżda dawk tal-paragrafu (b) għaliex għalkemm l-imputat volontarjament ta n-nar lill-ħanut fejn ma kien hemm ebda persuna ġewwa fil-waqt tal-ħruq, dan il-ħruq ma qabbadx lill-bini l-ieħor. Dan ifisser li l-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati tar-reat minuri taħt il-paragrafu (b) tal-Artikolu 317 tal-Kap. 9, li fuq dikjarazzjoni ta' ħtija huwa punibbli bi priġunerija minn tlieta snin sa ħames snin.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, akkuża lill-imputat li wettaq ir-reat taħt l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9.

Għalkemm jirriżulta, effettivament, illi l-imputat bl-azzjonijiet tiegħu, volontarjament għarraq jew għamel ħsara lill-binja ta' Ivan Cassar, il-Qorti ma tqisx li tista' tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali. Dan qed jingħad għaliex għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, il-mezzi li jiġu applikati mill-aġent biex jgħarraq jew iħassar ħwejjeġ ħaddieħor, iridu jkunu **xort'oħra** minn dawk imsemmijin fl-artikoli preċedenti tas-Sub-Titolu IV[13], fosthom il-ħruq doluż[14]. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkommetta dan ir-reat partikolari meta jinsab ġia' ppruvat li huwa kkommetta r-reat taħt l-Artikolu 317(a) tal-Kap. 9 u instab ħati dwaru.

[13] (Fuq id-Delitti Kontra s-Sigurta' Pubblika u fuq Ħsarat fil-Proprjeta') tat-Titolu IX (Fuq id-Delitti kontra l-Proprjeta' u kontra s-Sigurta' Pubblika), Taqsima II ta-Ewwel Ktieb.

[14] "*.....biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta' ta' terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet talartikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghid ukoll li l-Avukat Generali, fiddawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti...*" – **Il-Pulizija vs. Valentine Sciberras** deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll li huwa reċidiv. In sostenn ta' dan l-addebitu il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lir-Reġistratur tal-Qorti li bil-ġurament tiegħu esebixxa fl-atti proċesswali kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fit-2 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brooks Lia**[15]. Madankollu, ma jirriżultax la mis-sentenza nnifisha u lanqas mix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qorti illi l-ħati li ġie kkundannat bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Mejju 2008, konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-sentenza esebita, huwa l-imputat odjern. Huwa minnu li jismu wkoll Brooks Lia iżda mkien ma jirriżulta li l-konnotati tal-ħati kkundannat bl-imsemmija sentenzi huma l-istess konnotati tal-imputat odjern. Barra dan il-fatt li l-Avukat Ġenerali, il-Prosekutur quddiem il-Qorti Kriminali, ma ġiex prodott biex jikkonferma l-identita' tal-ħati u konsegwentement, din il-Qorti ma għandhiex prova, wisq inqas l-aħjar prova, li l-imputat diġa' ġie kkundannat qabel għal reat kriminali.

Huwa minnu illi fl-atti proċesswali nsibu l-fedina penali tal-imputat iżda huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina penali mhijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom jinsab imsejjes dan l-addebitu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk*

[15] Xhieda ta' Franklin Calleja, 25 ta' Lulju 2022, Dok. FC1.

*verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għalkemm fil-każ in diżamina, ġiet esebita kopja awtentikata ta’ sentenza li kkonfermat il-kundanna ta’ ċertu Brooks Lia għad-delitt ta’ attentat omiċidju volontarju, kif rajna hija nieqsa l-prova li dan il-ġudizzju preċedenti ingħata fil-konfront tal-imputat odjern.

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt id-dispożizzjonijiet legali indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, għaliex dan ma ġiex sodisfaċjentement ippruvat.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti għall-fini tal-piena ma tistax ma tieħux qies tal-ammissjoni bikrija tal-imputat lill-Pulizija u l-ko-operazzjoni pjena tiegħu matul l-investigazzjonijiet tal-Pulizija tant illi mhux biss spjegalhom l-irqaqat kollha is-sekwenza tal-fatti marbutin mad-delitt u tahom ukoll il-ħwejjeġ li kien liebes waqt il-kommissjoni tad-delitt, iżda fuq kollox żvela l-identita’ tal-mandant tiegħu, allegatament ċertu Damiano Alfio Raniro Torrisi, li in segwitu ġie arrestat u jinsab akkużat quddiem il-Qorti b’rabta mal-istess ħruq volontrarju. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi filwaqt li l-imputat ma kienx il-mandant iżda kien kompliċi fid-delitt kif maħsub fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 42 tal-Kap. 9, jirriżulta wkoll li l-kommissjoni tad-delitt ma kienx premeditat minnu: għall-kuntrarju, jidher li l-imputat seta’ kien ġie żvijat mill-kompliċi tiegħu biex imur fuq il-post biex jitwettaq id-delitt. Din il-verżjoni tal-imputat kienet waħda konsistenti u mhux kontrastata, u ġiet mistqarra minnu sija waqt l-interrogazzjoni, u sija wkoll fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti u tingħata affidabbilita’ anke mill-fatt li *sponte sua,* l-imputat kixef id-dettallji kollha tal-każ lill-Pulizija u assistihom pjenament u b’mod assolut fl-investigazzjonijiet tagħhom.

Madankollu, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fedina penali oneruża ferm tal-imputat kif ukoll il-fatt illi minkejja li l-imputat ammetta bla tlaqliq il-ħtija tiegħu sa minn meta ġie interrogat mill-Pulizija fid-9 ta' Settembru 2021, konfessjoni li ġiet riaffermata fix-xhieda ġuramentata tiegħu quddiem il-Qorti, dawn il-proċeduri kellhom jinstemgħu fit-totalita' tagħhom fuq medda ta' sena u nofs bis-smigħ tax-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża.

Ikkunsidrat ukoll illi m'hijiex sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ressqet provi suffiċjenti li l-ispejjeż għat-tiswijiet tal-ħsarat subiti minn Ivan Cassar b'riżultat tal-ħruq tal-bieb tal-istabbiliment bl-isem Romano Cassar, jammontaw għas-somma ta' €1,365.30 kif xehed l-Ispettur Jeffrey Scicluna.

Il-Qorti rat il-korrispondenza li bagħat l-istess Ivan Cassar lill-Ispettur Jeffrey Scicluna fejn iddikjara li apparti l-ispejjeż li jirriżultaw mir-riċevuti annessi mal-istess email, huwa ħallas ukoll is-somma addizzjonali ta' €960 rappreżentanti sigħat ta' xogħol ta' żewġ ħaddiema li tqabbdu jnaddfu d-dħaħen u debris u jsewwu l-ħsarat fil-madum u fil-bieb. Ivan Cassar ma xehedx quddiem il-Qorti biex jikkonferma bil-ġurament li huwa ħallas dan l-ammont lil dawn il-ħaddiema u lanqas ma ġie esebit fl-atti xi riċevuta ta' dawn l-ispejjeż. Għaldaqstant, għall-fini tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 il-Qorti sejra tieħu qies biss tad-dokumenti li ġew esebiti bil-ġurament tal-Ispettur Jeffrey Scicluna[16] f'paġni 328 sa 336 tal-atti proċesswali, bħala prova tal-ispejjeż li Ivan Cassar xehed[17] li huwa ħallas b'rabta mat-tiswijiet li saru fil-fond bl-isem Romano Cassar: komplessivament, erba' mija u ħames Euro u tletin ċenteżmu (€405.30).

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni l-addebitu tar-reċidiva stante li ma ġiex ippruvat kif imiss, wara li rat l-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil**

[16] Xhieda tat-18 ta' Jannar 2023.
[17] Xhieda tas-16 ta' Settembru 2021 u 8 ta' Frar 2022.

**BROOKS (BROOKS ESPEDITO) LIA ħati tad-delitt addebitat fl-ewwel imputazzjoni u tikkundannah tliet snin u tliet xhur priġunerija effettiva.**

**Għall-fini u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġsitratur tal-Qorti s-somma ta' elf mija u tlieta u tmenin Euro (€1,183) rappreżentanti terz (1/3) tal-ispejjeż komplessivi[18] li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, fi żmien sena mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna wkoll lill-ħati, BROOKS (BROOKS ESPEDITO) LIA, sabiex iħallas lil Ivan Cassar is-somma ta' mija u ħamsa u tletin Euro u għaxar ċentezmi (€135.10) ossia terz tal-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsarat subiti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat li dwaru qed jinstab ħati, in linea ta' kumpens għat-telf soffert.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Ivan Cassar u l-familja immedjata tiegħu għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri kif tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[18] Total ta' €3,548.55: €345.27, David Borg Saydon (Dok. DBS); €3,109.01, Keith Cutajar (Dok. KC1, fol. 138); €29.67, Dr. Katya Vassallo (Dok. KV1, fol. 84) u €64.60, PC 1285 Graham Cassar Bonaci (Dok. GCB).